FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 19 ta' Jannar 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**
**vs**
**Josmike Cesare**

Każ. nru. 50/2025 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Josmike Cesare,** bin Donald Cesare u Zvetlana Cesare imwieled nhar l-1 ta' Ottubru 1998 u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 0364498M

Akkużat talli bejn il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2025 u l-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ġab ruħu b'mod li taha fastidju lill-**eks sieħba tiegħu Dorianne Lungaro** jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju għall-**eks sieħba tiegħu Dorianne Lungaro** u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u dan bi ksur tal-***Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***
2. U aktar talli nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' flgħaxija (17:15HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u ta' wara dan ġewwa Triq il-Gudja Ħal Għaxaq u fi Triq Dawret it-Torri Santa Luċija u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin ikkaġuna lill-**eks sieħba tiegħu Dorianne Lungaro** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew

twettqu ripetutament u dan bi ksur tal-***Artikoli 251(3), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti ġie mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-***Artikoli 382A u 383 tal-Kodici kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta,*** u tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat ***fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

Rat il-provi, l-atti u d-dokumenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2025 l-imputat, debitament assistit mill-avukati tal-fiduċja tiegħu, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukati tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tagħha u jerġgħu lura minnha.

**Ikkonsidrat;**
Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-qbil bejn il-partijiet, ossia il-prosekuzzjoni, il-*parte civile* u l-imputat illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-imputat m'għandux jingħata piena li tipprovah mill-liberta tiegħu, u li fiċ-ċirkostanzi jkun aktar idoneju li jiġi applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta, u inoltre li jinħareġ ordni ta' trażżin favur il-parte civile. Wara li semgħet lill-partijiet jispjegaw ir-raġunijiet li wasslu għal dan il-qbil bejniethom il-Qorti taqbel magħhom li din tkun l-aktar piena idoneja f'dan il-każ.

**Ikkonsidrat;**

**Decide**
Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 251(3), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor fi żmien tlett snin mill-llum.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Dorianne Lungaro kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-

reat oriġinali, u fisret ukoll l-obbligi u r-responsabbilitajiet naxxenti mill-Ordni ta' Trażżin u r-riperkussjonijiet fil-każ li xi kundizzjoni tiġi miksura.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur